# Ir-Raba' Ħadd taż-Żmien ta' Matul is-Sena

## Qari I

*Jiena nqajmilhom profeta u nqiegħed kliemi fuq fommu.*

Dewt 18, 15-20

**Qari mill-Ktieb tad-Dewteronomju**

Mosè kellem lill-poplu u qal: [15] «Il-Mulej, Alla tiegħek, iqajjimlek profeta bħali minn ġensek, minn fost ħutek; lilu għandkom tisimgħu.

[16]Dan kollu skont ma tlabt inti stess lill-Mulej, Alla tiegħek, fil-Ħoreb f'jum il-laqgħa, meta għedt: "Jalla ma nismax aktar leħen il-Mulej, Alla tiegħi, u ma narax aktar dan in-nar iħeġġeġ, ħalli ma mmutx."[17]

U l-Mulej qalli: "Sewwa għamlu li tkellmu. [18]Jiena nqajmilhom
profeta bħalek, minn fost ħuthom; inqiegħed kliemi fuq fommu, u
jħabbrilhom kull ma nordnalu. [19]Min ma jagħtix widen għal kliemi
li huwa jħabbar f'ismi, jiena nitolbu kont talli jkun naqas. [20]U jekk xi
profeta jfettillu jgħid f'ismi ħwejjeġ li ma nkunx qabbadtu jgħid, jew
inkella jħabbar f'isem allat oħra, dan il-profeta jkun ħaqqu l-mewt."»

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Salm Responsorjali

Salm 94 (95), 1-2.6-7.8-9

R/. (8): Mhux li kontu llum tisimgħu leħen il-Mulej.
La twebbsux qalbkom

1 Ejjew, ħa nfaħħru bl-hena l-Mulej,
ħa ngħajtu bil-ferħ lill-blata tas-salvazzjoni tagħna!
2 Nersqu quddiemu b'għana ta' radd il-ħajr,
ngħannulu b'għajjat ta' ferħ. R/.

6 Ejjew inqimuh u ninxteħtu quddiemu,
għarkupptejna quddiem il-Mulej li ħalaqna!
7 Għaliex hu Alla tagħna,
u aħna l-poplu tal-mergħa tiegħu u n-nagħaġ tiegħu. R/.

Mhux li kontu llum tisimgħu leħnu!
8 «La twebbsux qalbkom bħal f'Meriba,
bħal dakinhar f'Massa, fid-deżert,
9 meta ġarrbuni u ttantawni missirijietkom,
għalkemm raw dak li jien għamilt.» R/.

# Qari II

*Ikunu ħsibijietna fil-ħwejjeġ tal-Mulej.*

1 Kor 7, 32-35

**Qari mill-Ewwel Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Korintin**

Ħuti, [32]iva, jiena rridkom bla ħsibijiet. Ir-raġel mhux miżżewweġ,
ħsiebu fil-ħwejjeġ tal-Mulej, jiġifieri, kif jogħġob lill-Mulej. [33]Min
hu miżżewweġ, ħsiebu fil-ħwejjeġ tad-dinja, jiġifieri, kif jogħġob lil
martu, [34]u hu mifrud fih innifsu!

Hekk ukoll il-mara mhix miżżewġa u x-xebba ħsiebhom fil-ħwejjeġ tal-Mulej, jiġifieri, biex ikunu qaddisa f'ġisimhom u f'ruħhom. Iżda l-mara miżżewġa ħsiebha fil-ħwejjeġ tad-dinja, jiġifieri, kif togħġob lil żewġha.

[35]Dan qiegħed ngħidhulkom għall-ġid tagħkom, mhux biex inxekkilkom, iżda għall-ġid tagħkom u biex tgħixu marbutin mal-Mulej bla tixrid ta' moħħ.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

Mat 4, 16

Hallelujah. R/. Hallelujah
Il-poplu li kien qiegħed fid-dlam
ra dawl kbir;
dawk li kienu f'art u dell il-mewt
idda dawl għalihom.
R/. Hallelujah

# Evanġelju

*Kien jgħallimhom bħal wieħed li għandu s-setgħa.*

Mk 1, 21-28

**✠ Qari mill-Evanġelju skont San Mark**

F'dak iż-żmien, Ġesù u d-dixxipli tiegħu [21]daħlu Kafarnahum. Malajr,
f'jum is-Sibt, daħal fis-sinagoga u qagħad jgħallem. [22]In-nies baqgħu
mistagħġbin bil-mod tat-tagħlim tiegħu, għax beda jgħallimhom bħal
wieħed li għandu s-setgħa, u mhux bħall-kittieba.

[23]Mela jkun hemm fis-sinagoga tagħhom raġel bi spirtu ħażin
[24]u qabad jgħajjat u jgħid: «Aħna x'għandna x'naqsmu, Ġesù ta'
Nazaret? Ġejt biex teqridna? Jien naf min int: Il-Qaddis ta' Alla!»
[25]Imma Ġesù kkmandah: «Iskot! Oħroġ minnu!» [26]Imbagħad l-ispirtu
ħażin lir-raġel beda jħabbtu ħafna, għajjat għajta kbira u ħareġ
minnu.

[27]U lkoll stagħġbu, u bdew jistaqsu lil xulxin u jgħidu: «Dan x'inhu?
X'tagħlim ġdid mogħti bis-setgħa! Sa lill-ispirti ħżiena jikkmanda, u
huma joqogħdu għalih?» [28]U l-fama tiegħu malajr xterdet mal-inħawi
kollha tal-Galilija.

**Il-Kelma tal-Mulej**
℟. Tifħir lilek Kristu